**161. L-Aġent Prim Ministru Ministru u Ministru tal-Intern u Żvilupp Soċjali l-Onor. Louis Galea jipproponi:-**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu japplika għall-kumplament ta' din is-sessjoni tal-Parlament;

(a) Illi fl-istess ġurnata tista' tinżamm seduta fil-għodu u oħra fil-għaxija;

(b) Illi f'każ ta' seduta fil-għodu, din għandha tibda fid-9.00 a.m. u l-ħin tal-mistoqsijiet ikun sad-9.30 a.m.; u l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun f'nofs in-nhar u l-aġġornament ma jieħux aktar min-nofs siegħa;

(ċ) Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis kemm fil-għodu kif ukoll fil-għaxija, is-seduta ta' fil-għodu tkun biex isir xogħol kif kontemplat fl-Ordni Permanenti 8(2) jekk ikun hekk imiss; u illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis fil-għaxija biss isir xogħol kif kontemplat fl-Ordni Permanenti 8(2) jekk ikun hekk imiss.

8.6.1994